Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,376, 27 ta' Marzu, 2020

Taqsima B

A.L. 110 tal-2020

ATT DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 552)

Regolamenti tal-2020 dwar l-Estensjoni tal-Validità ta' Permessi ta' Żvilupp

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 84(2) tal-Att Dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, wara konsultazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2020 dwar l-Estensjoni tal-Validità ta' Permessi ta' Żvilupp.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, il-kliem u l-espressjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandu jkollhom l-istess tifsira mogħtija lilhom fl-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

Kap. 552.

Estensjoni tal-validità ta' permessi ta' żvilupp.

3. Kull permess ta' żvilupp li fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti jkun għadu fiż-żmien tal-validità tiegħu iżda li jkun ser jiskadi sal-31 ta' Diċembru 2022, jew f'kull data qabel din, għandu jkollu ż-żmien li fadal tal-validità tiegħu estiża bi tlett (3) snin oħra.